# Oqbra Feniċi ġewwa l-Magħlaq

## Tagħrif miġbur minn David Schembri

L-oqbra Feniċi illi jinsabu ġewwa l-Wied tal-Magħlaq, sewwa sew kwart ta' mil fil-Majjistral tat-tempji ta' l-Imnajdra huma eżempju ieħor ta' oqbra Feniċi li jinsabu fi stat tajjeb ta' preservazzjoni. Dawn l-oqbra ġew skoperti għall-ewwel darba minn Dr. L. Adams u Bishop Errington fl-1865.

Id-dħul għal dawn l-oqbra huma permezz ta' arkata żgħira illi twasslek għal sotto terran, waqt li entratura oħra tieħdok għal parti oħra ta' dan il-*katakombi* żgħir. Fuq din l-arkata wieħed jista' jsib traċċi ta' *cement* tal-lewn aħmar li x'aktarx kien maħsub biex fuqu ssir xi skrizzjoni jew lapida. Fuq kull naħa ta' din il-gallerija wieħed jista' jsib għerien żgħar maqtugħa mill-blat maħsub għad-difna ta' żewġ persuni. Kull qabar, ġewwa dan il-kumpless żgħir, kien maħsub għal tnejn minn nies, wisq probabbli l-kap tal-familja u martu.

Wara d-difna, ħaġra kbira kienet tissiġilla l-bokka ta' kull wieħed minn dawn l-oqbra. Wieħed jista' jsib toqob li kienu wisq probabbli jservu biex din il-ħaġra tiġi ffilsata. Ħofor żgħar fil-ħitan kienu wkoll maħsuba għall-imsiebaħ taż-żejt li kienu jagħtu d-dawl lil dawn l-oqbra.

F'waħda mill-arkati ta' dawn l-oqbra, wieħed jista' jsib ornament minqux fiċ-ċentru tagħha, li tixbaħ arzella. Dawn il-katakombi li ma joffru l-ebda sinjal ta' Kristjaneżmu, wisq probabbli kien jintużа fi żmien aktar bikri. Għalhekk wieħed jista' jgħid li dawn huma oqbra Pagani. L-Akwati fuq l-għolja ta' l-Imnajdra, magħruf aktar bħala Qasam il-Ħofra, hemm miżgħuda b'numru konsiderevoli (10) ta' oqbra Feniċi ta' l-istess tip.

Il-Feniċi kienu f'Malta bejn is-snin 1000 u 1200 Q.K. u għalhekk dan jagħmel l-oqbra Feniċi fil-Magħlaq bħala l-eqdem monumenti ġewwa l-Qrendi wara dawk ta' nisel Neolitiku, bħalma huma t-tempju ta' Ħaġar Qim, Mnajdra, il-ġwiebi tal-Misqa u d-dolment ta' Misraħ is-Sinjua.

Ħafna storiċi jinterpretaw il-motto tar-raħal tal-Qrendi, **TYRIUM DIRUTAS SERVO MOLES** bħala li jfisser ***Inħares il-bini tal-Feniċi*** b'referenza partikolari għat-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra illi għal ħafna żmien kien maħsub illi kienu ta' oriġini Feniċi u mhux dak Neolitiku.

Wieħed għalhekk jaħseb, kinux l-oqbra Fenici ġewwa l-Magħlaq, dak il-bini tal-Feniċi illi huwa msemmi bl-istess motto tal-Qrendi, *Inħares il-bini tal-Feniċi*?







*Oqbra ta' żmien il-Feniċi*

**Referenza**

- *Ancient Tombs and Christian Cemeteries*, A.A. Caruana.
- Qrendi Scout Group Malta
  Website: www.qrendiscouts.org – (Qrendi – History and Beauty)
- Heritage Malta